MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

[Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 57.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

57.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif is-sur Joseph Galea kellu jidħol l-isptar ġimgħa qabel il-laqgħa fejn qed jirkupra bħalissa. Il-kunsilliera bagħatu l-isbaħ xewqat għall-ferħan ta’ malajr. Is-sur Galea kien skużat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.
Il-kunsilliera Graziella Schembri bagħtet biex tgħid illi se tittardja ftit.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 55 wara li saru arranġamenti fuq punt nos 55.6.5.5. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

57.2.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 56. Il-Viċi Sindku ssekondah.

## 57.3 Korrespondenza mas-Sindku

57.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem ma’ persuna li lest joffri korsijiet ta’ First Aid għall-prezz ta’ €25/persuna. Is-Sindku ppropona li nuzaw is-sala tal-Kunsill għall-korsijiet u li mmexxu. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondah.

57.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ura l-korrespondenza ma rappreżentant tal-Lands Authority fejn ura dawk il-permessi li hemm għat-tables and chairs u dawk illi s’issa saru kontra l-ispecifications tal-policy. Qal illi l-Lands ikkonfermaw illi qegħdin jieħdu ħsieb l-infurzar fuqhom.

**Il-kunsilliera Graziella Schembri daħlet fis-5.47pm**

## 57.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

57.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa għar-raġuni għalfejn il-Kunsill mhux qed japplika għar-residential parking. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif l-ebda lokalita ma jista japplika għar-reserved parking wara li l-iskema ġiet ikkanċelata ftit snin ilu. Is-Sindku qal illi sfortunatament dawk illi kellhom residential parking qabel żammu d-dritt biex iżommu l-iskema.

57.4.2 Il-kunsilliera Graziella Schembri kienet bagħtet mistoqsijiet rigward il-Fondazzjoni ta’ Manoel Island. Il-kunsilliera Schembri staqsiet:

1. Id-data tal-laqgha tal-Kunsill li fiha giet proposta formalment li tigi mwaqqfa l-Fondazzjoni ta' Manoel Island?

2. Min ressaq din il-proposta?

3. Id-data tal-laqgha tal-Kunsill li fiha l-kunsilliera formalment approvaw li tigi mwaqqfa l-Fondazzjoni Manoel Island?

4. Is-Sindku semma kif ghamel "ghoxrin" laqgha biex inkiteb l-Istatut tal-Fondazzjoni. Il-Kunsilliera kienu mistiedna li jattendu ghal dawn il-laqghat? Jekk iva, nitlob kopja tal-email li fiha sar dan l-invit?

5. Ix-xoghol li se twettaq il-Fondazzjoni, huwa xoghol li primarjament kien vestit li jsir mill-Kunsill?

Għamlet talba wkoll għal kopja tal-kuntratt tal-Fondazzjoni Manoel Island, insinwat, irregistrat u ffirmat, kif ukoll kopja tal-Guardianship Agreement, kif indikat f'Artiklu 1 (A), fl-istatut draft.

Is-Sindku qal illi jekk hi tixtieq jista jirrispondi issa, izda se niddiskutu l-affarijiet fid-dettal iżjed tard. Il-kunsilliera Graziella Schembri aċċettat illi jiġu diskussi iżjed tard.

57.4.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar l-applikazzjoni biex nirranġaw il-bankina ta’ Sliema Road. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien mall-kuntrattur u mal-Perit raw il-problemi eżiztenti u lestejna RWP.

57.4.4 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa għall-update rigward il-markings ta’ triq Edgar Bernard. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat lil TM u EneMalta kemm il-darba u li hemm problema għax resident qed jgħid illi meta għamlu x-xogħolijiet għamlu ħsarat u ħadd ma jrid jerfa r-responsabilita.

57.4.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa għall-update biex nagħmlu użu minn kmamar fil-Housing Estate. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħtna lil-Lands Authority u ftit ilu kien hemm rikwest mill-LCA biex insemmu dawk il-każijiet pendenti li għandna mal-Lands fejn semmejna din il-kwistjoni.

57.4.6 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar il-possibilita li nagħmlu parking area f’triq il-Madonna tal-Ġebla, taħt il-proġett tal-Kappara.

57.4.7 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa għall-update rigward is-sit ta’ Guze Miceli li għanda tingħalaq. Il-Kunsill m’għandux titlu fuq il-post.

57.4.8 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa jekk se jinbidlu t-tabelli ta’ Reid u Nicolo Cottoner. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva emajl minn pulizija dwarhom u ordnajna t-tabelli.

## 57.5 Rapporti

57.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-talbiet, u ritratti, biex jiġu rilaxxati ammont ta’garanziji fuq il-bankini:

10-12 triq il-Flotta: Il-Kunsill approva ir-rilaxx tal-garanzija

360-362 Rue D'Argens: Il-Kunsill approva r-rilaxx tal-garanzija

57.5.2 Tender Update: Str. Signs and materials: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Bord tal-Evalwazzjoni ma kienx kuntent bl-ispecs tal-uniku bidder u li dan anqas offra thermoplastic fil-bid. B'hekk il-Kunsill se jerġa joħroġ sejħa ġdida. Biex nagħmlu ftit xogħol fil-prezent, il-Kunsill se joħroġ stima għat-thermoplastic biex isiru tlett junction boxes.

57.5.3 Tender Update: Str. Cleaning: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mar flimkien mall-avukat quddiem il-PCRB u li għandna nirċievu s-sentenza nhar it-Tlieta. Qal illi l-membri tal-PCRB qalu li ħassew illi kull Kunsill għandu joħroġ tenders bħal m'għamilna aħna izda peress illi m'hemmx domanda mill-Kunsill għall-istandards illi tlabna aħna, u peress illi hemm ħafna kumpaniji li m'għandhomx dawn l-istandards, jista jkun illi jivvutaw favur l-appellant xorta waħda.

57.5.4 Xogħolijiet ix-Xatt: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif fit-2 t'April 2018 il-WSC se jibdew jieħdu ħsieb xogħolijiet max-Xatt fejn għandom jibdlu 'trunk' u b'hekk hemm bzonn illi jsir manutenzjoni tal-promenade peress illi se jinqala xorta waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv kmopla jgħid illi dawn se jieħdu ħsieb il-parti tal-baħar minn triq Parisio sa triq Belvedere [kif ukoll parti ġewwa tas-Sliema] izda saret laqgħa ma stakeholders fejn ġie mitlub illi jsir proġett minn Manoel Island sal-Fortina Hotel. Qal illi avolja m'hemm xejn ikkonfermat jidher illi l-MTA se jieħdu ħsieb dax-xogħol.
Il-kunsilliera Graziell Schembri qalet illi ma tantx hemm dawl max-Xatt għax ħafna bozoz bilkemm juru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi naraw liema huma ħalli nirranġawhom xorta waħda. Qal illi fil-laqgħa li attenda kien hemm rappreżentant ta' EneMalta li spjega li mhux vijabbli li dawn jiġu rranġati izda jinbidlu l-bozzoz.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll illi t-tender tal-bankijiet kważi lest izda hemm ċans illi meta jsiru jibdew bil-proġett.

Eforms:

57.5.5 Alighting and Boarding, triq il-Flotta: Is-Segretarju Eżekuttiv qal tneħħiet l-Alighting and Boarding wara li ġie kkonfermat illi l-applikant ma kellux permess. Dan issa qed jibgħat talba biex ikollu l-bay bil-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi hotels b'izjed minn 70 sodda għandom dritt għall-Alighting and Boarding. Il-Viċi Sindku rrifjuta li jingħata permess peress illi meta kellu dan ma kinitx tintuża kif suppost u residenti kienu jħallsu l-multi peress illi kienu jipparkjaw hemm. Qal ukoll illi l-applikant għadu għaddej kif jixtieq f'triq Belvedere. Qal illi l-istess applikant ħa ħafna parking bays max-Xatt ukoll bit-tables and chairs policy.
Il-kunsilliera Graziella Schembri staqsiet jekk diġà hemm min għandu permess għal Alighting and Boarding. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ilil l-istess applikant għandu f'triq differenti.
Il-proposta ma ġietx aċċettata.

57.5.6 Un/Loading, triq il-Madonna tal-Ġebla: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tneħħiet l-Un/Loading Bay barra l-XZone Detergent Zone peress illi ma kellux permess. L-applikant għamel talba biex din issir skond il-permess. Is-Sindku ppropona li nibagħtu applikazzjoni lil TM. Il-Viċi Sindku ssekondah.

57.5.7 Un/Loading, triq Stuart: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tneħħiet l-Un/Loading Bay barra l-Pet Shop peress illi ma kellux permess. L-applikant għamel talba biex din issir skond il-permess. Is-Sindku ppropona li nibagħtu applikazzjoni lil TM. Il-Viċi Sindku ssekondah.

57.5.8 Un/Loading, Rue D'Argens/triq Cuschieri: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Rita's Fish Shop għamlu talba għal Un/Loading bay. Is-Sindku ppropona li nibagħtu applikazzjoni lil TM. Il-Viċi Sindku ssekondah.

57.5.9 Double yellow: triq il-Flotta: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba biex isir double yellow faċċata ta' garaxx. Bagħat id-dimensions lil TM li ma approvawx illi nneħħu parking bay għax qalu hemm biżżejjed spazju biex wieħed joħroġ.

57.5.10 Double yellow: triq il-Kubrit: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba biex isir double yellow faċċata ta' garaxx. Bagħat id-dimensions lil TM li approvaw illi nneħħu parking bay biex is-sid ikun jista jaċċessa l-propjeta.

## 57.6 Fondazzjoni: Manoel Island

57.6.1 Is-Sindku qal illi wara l-aħħar laqgħa ħass illi kien hemm bzonn illi l-kunsilliera jkunu jafu eżattament il-punti tal-fondazzjoni u għal dak ir-raġuni talab lil Dr. Claire Bonello biex tiġi u tispjega l-fondazzjoni u l-irwol tal-Kunsill f'dan kollu u li l-kunsilliera għandom dritt jistaqsu li jridu lilha direttament. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nissospendu l-laqgħa sakemm tkun preżenti Dr. Bonello biex tispjega kollox. Is-Sindku qal illi wara se jittieħed vot skond l-informazzjoni li se jieħdu l-kunsilliera ħalli kulħadd ikun informat kif suppost ħalli jkun hemm kooperazzjoni kif hemm bzonn.

**Dr. Bonello daħlet fis-7.15pm. Il-laqgħa ġiet sospiża**

**Dr. Bonello telqet fit-8.15pm u tkompliet il-laqgħa.**

57.6.2 Is-Sindku qal illi wara l-ispjegazzjoni ta' Dr. Bonello se jagħmel talba biex jittieħed vot issa illi l-affarijiet ġew iċċarati. Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi la mhux remit tal-Kunsill, u wara l-ispjegazzjoni ta' Dr. Bonello, kien hemm ġlied għal xejn. Qalet illi kiku ma kinitx tistaqsi ċerti affarijiet fil-laqgħa preċedenti u qablet mas-Sindku li jittieħed vott skond il-mozzjoni tas-Sindku.

57.6.3 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jikkonferma, japprova u jirratifika l-fondazzjoni ta' Manoel Island skont l-abbozz tal-istatut li tressaq fil-laqgħa preċedenti ħalli l-Kunsill jidher bħala fundatur tal-fondazzjoni.

Vot favur: Conrad Borg Manche, Ralph Mangion, Neville Chetcuti, Wayne Hewitt, Graziella Schembri, Jeremy Cardona
Vot kontra: Ħadd
Assenti: Is-sur Joseph Galea

57.6.4 B'hekk il-mozzjoni għaddiet unaniment. Is-Sindku ppropona li napprovaw il-proposta. Il-kunsillera Graziella Schembri ssekondat il-proposta.

Jum il-Gżira

57.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-proposta tal-event organizer u ta rendikont tal-ispejjez. Is-Sindku ppropna li naqblu ħalli mmexxu. Il-Viċi Sindku ssekondah

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadu ma rċieva l-ebda suġġerimenti għal min se jkun fil-Bord ta' Ġieħ il-Gżira. Il-Kunsill ipprona lista ta' 6 persuni li se jiġu mitluba li jkunu membri tal-Bord jew reserves.

## 57.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

57.7.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jista jsir parking minflok id-double yellow ġewwa triq il-Flotta, fejn it-Tower Crane.

57.7.2 Il-Viċi Sindku qal jekk hux possibbli li l-Un/Loading Bay ta triq Posnoby, fejn it-Tower Crane, tkun għall-pubbliku wara l-ħinijiet tax-xogħol.

57.7.3 Il-Viċi Sindku qal hemm hoarding fejn l-ex Milano Duo ġewwa Bouverie u hemm perikli għal min ikun se jaqsam it-triq bil-mixi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara l-post u naraw x'jista jsir.

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

57.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 57.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' April 2018 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 3 t' April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |